# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

### GUDIKATUR Dr. GRAZIO MERCIECA LL.D.

### Seduta ta' nhar L-Erbgha 27 ta' Dicembru, 2000 .

### Avviz numru : 55/00GT(GM)

**Joseph Muscat .**

**VS**

**Carmel Mifsud .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu wara li ppremetta illi xi zmien ilu l-konvenut kien illegalment u klandestinament dahal fil-post ta' l-attur bien-numru mitejn u tlettax (213) Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u wara li qatillu l-kelb, seraqlu diversi ghodod kif ukoll lumi;**

**Illi minhabba l-agir illegali tieghu l-attur sofra danni ammontanti fis-somma ta' mitejn lira (LM200) ;**

**Talab li l-istess konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-tribunal li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira (LM200) in linea ta' danni minnu kkawzati jew ammont iehor li jigi likwidat minn dan it-Tribunal .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa debitament imharrek .**

**Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li :**

**(1) It-talbiet tal-attur huma infondanti fil-fatt u fid-dritt stante illi dak kollu allegat mill-attur huwa inveritier u vvintat,**
**(2) Il-konvenut jirriserva d-dritt illi jiehu passi kontra l-attur minhabba malafama .**

**(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Bl-ispejjez kontra l-attur .**

**Semgha l-provi mnejn jirrizulta anke mill-istess depozizzjoni tal-attur illi l-attur m'ghandu assolutament xejn li jissustanza l-allegazzjonijiet tieghu li taw lok ghal din l-istanza ;**

**Ikkunsidra ;**

**Li dan huwa kaz mill-iktar klassiku ta' kawza istitwita b'talbiet frivoli u vessatorji u t-Tribunal jigbed l-attenzjoni tal-attur – u tal-avukat tieghu - ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10(3) tal-Att V tal-1995 li in forza tieghu dan it-Tribunal ghandu l-poter jikkundanna lill-attur penali sa massimu ta' hamsin Lira Maltija (LM50) ;**

**Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u konsegwentement jichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra tieghu, u jwissieh li jekk jerga' jistitwixxi xi procedura quddiemu bhall-istanti, it-Tribunal sejjer japplika l-imsemmi Artikolu 10(3) bla ebda ezitazzjoni ta' xejn .**

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S5500GtGM
326